Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 13 ta' Frar 2025**

**Kump. Nru. 151/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**Versus**

**John Farrugia**
**(43259M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **John Farrugia**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 43259M, akkuzat talli:

1. Fid-29 ta' Marzu 2017 fi Triq l-Ingiered, Hal Luqa, Malta, ghal habta ta' bejn s-05:45am u 06:00am waqt li kien qed isuq jew fil-kontroll jew fil-pussess ta' vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni GBB835, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti involontarjament ikkaguna l-mewt ta' Paul Consiglio detentur tal-karta tal-identita' numru 522345M u dan bi ksur tal-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura GBB835 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza bi ksur tal-artikolu 15 tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex minbarra l-piena li jidhrilha xierqa tapplika wkoll skwalifika minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed Dr. Mario Scerri bhala espert mediko-legali, fejn ipprezenta r-rapport tieghu immarkat Dok MS[1] fejn qal illi jidher li l-impatt kien fuq in-naha tal-lemin ta' Paul Consiglio, li juri li kien qieghed jaqsam it-triq lejn id-direzzjoni tal-Isptar San Vincenz De Paule, fejn il-vettura laqtitu fuq in-naha tal-lemin tieghu li pproduciet il-*primary impact*. Ix-xhud kompla jghid li ma kienx hemm lezzjoni suspettuzi fuq il-kadavru. Mill-ezami li ghamel, Consiglio kien ilu mejjet madwar saghtejn mill-hin tal-ezami mediko-legali. Il-kawza tal-mewt kienet relatata direttament mal-incident.

Illi xehdu il-Prof M.T. Camilleri Podesta u Dr Ali Sarfraz li ezebew u halfu r-rapport taghhom MTC[2] fejn ikkonkludew illi l-kawza tal-mewt ta' Paul Consiglio kien '*due to multiple injuries following a motor vehicle accident'*.

Illi xehed PC302 Bryan Emilio Alken fejn qal illi gie mahtur bhala espert fotografu li acceda fuq il-post dakinhar stess ghal habta tas-7.20am. Ix-xhud pprezenta r-rapport tieghu bi tlieta u erbghin ritratt, mmarkati bhala Dok BA minn 17 AUW 101 sa 17 AUW 143[3].

Illi xehed Dr. Mario Buttigieg fejn qal illi gie mahtur ghat-tehid tax-xhieda u sabiex jikkonstata d-dinamika tal-incident u jezamina l-vettura. Ix-xhud pprezenta ir-rapport tieghu mmarkat Dok MB[4]. Ix-xhud qal illi t-temp dakinhar ta' l-incident kien bix-xita, waqt illi t-triq kienet imxarrba u l-vizibilita' kienet limitata. Paul Consiglio kien qieghed jimxi fit-triq taht il-bankina jew jista' jkun li qabad u nizel il-bankina habta u sabta u qasam, ghalkemm ftit metri l-fuq kien hemm *pedestrian crossing*. Paul Consiglio gie mtajjar mill-vettura ta' John Farrugia li kien qieghed jsuq velocita' ta' 44kfs, u li b'konsegwenza il-vittma sofra griehi gravi u miet fuq il-lok tal-akkadut incident. Ix-xhud kompla jghid illi dan jindika li l-vittma kien naqas serjament u seta' kellu negligenza kontributorja. Il-vettura sofriet

[1] Fol. 78 tal-proces verbal
[2] Fol. 46 tal-proces verbal
[3] Fol. 12 et seq tal-proces verbal
[4] Fol. 51 et seq tal-proces verbal

hsara minima fuq quddiem fin-naha tax-xellug. Illi waqt l-access l-Espert innota li kien hemm sinjali ta' brejkijiet fuq il-wicc tat-triq, li bdew wara l-*pedestrian crossing,* li jindika li s-sewwieq x'aktarx lanqas biss lemah lill-pedestrian ghaddej fit-triq, u bbrejkja wara li qabzu. Filwaqt illi jekk Consiglio kien miexi taht it-triq, Farrugia seta' rah facilment u ghalhekk ma kellux *a proper look out,* peress illi ma kellu ebda ostakli u dan ifisser illi Farrugia seta' facilment jara lill-vittma u kellu l-obbligu li jhares u jadopera iktar kawtela fis-sewqan, fi triq mudlama b'vizibilita' limitata bil-maltemp. Mill-awtopsja fuq il-kadavru r-raguni tal-mewt kienet fractured skull.

Illi fit-22 t'April 2019 xehed l-iSpettur Spiridione Zammit[5] fejn qal li fl-20 ta' Marzu 2017 ghal habta tas-6.15am, PS192 kien gie infurmat mill-*control room* illi kien hemm incident fi Triq L-Imgiered, Luqa u dan nizel fuq il-post fejn irrizulta illi vettura tat-tip Toyota bin-numru GBB825, misjuqa minn John Farrugia kienet laqghtet persuna miexja li spiccat mejta fuq il-post. Ix-xhud mar fuq il-post fejn il-vettura kienet ftit metri il-boghod mill-lights thares lejn il-Marsa, li kellha hsara fuq in-naha ta'xellug fuq quddiem, il-*headlamp*, *mudguard* u *bonnet*. Il-vittma Paul Consiglio kien ma' l-art bla sinjal ta' hajja u gie iccertifikat mejjet minn Dr. Michael Spiteri. Hu kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa, u gew mahtura l-esperti biex jghinu fl-inkjesta. Ix-xhud kompla jghid li kien hemm brejk/*skid marks* mal-art, li bdew minn fejn it-*traffic lights*. L-incident sehh f'xi 5.45am fid-dlam u kienet qieghda tqattar ix-xita. Mill-cameras tal-vicin l-incident ma nqabadx. Nicole Marie Ghigo kienet qieghda ssuq u kif ghaddiet il-*lights,* rat lill-vittma jaqla d-daqqa u mad-daqqa hu gie quddiemha, izda hi ma ratux jaqsam. Ix-xhud ikkonferma r-rapport tieghu *a fol.* 7 tal-PV.

Illi xehed Alex Mc Ewan, fejn qal illi kien ra incident barra l-isptar San Vincenz, meta persuna maskili li deher anzjan intlaqat minn vettura 4WD u spicca fl-art, fejn hu kien waqaf u cempel 112 u sema' l-persuna jeqred.

Illi xehed Dr. Michael Spiteri fejn qal illi fid-29 ta' Marzu 2017, ghal habta tas-6.15am kien mar fuq il-post, wara sejha li kien hemm incident li xi hadd kien korra gravi, u mill-ezami li ghamel fuq il-vittma, rrizulta li ma kellux sinjal ta' hajja u x-xhud iccertifkah mejjet. Ix-xhud ikkonferma ritratti *a fol.* 29, 30 u 30.

---

[5] Fol. 20 tal-atti proċesswali

Illi xehed Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta, fejn qal li mir-ricerka li ghamel, irrizulta illi l-vettura bin-numru GBB835 hija Toyota *pickup* blu li kienet ilha registrata fuq John Farrugia minn Ottubru 2003. Ix-xhud ipprezenta Dok JFX1.

Illi xehed PS192 Ramon Godano, fejn qal li fid-29 ta' Marzu 2017 ghal xi 6.15am gie nfurmat li kien hemm habta fi Triq l-Imgiered, Luqa. Ix-xhud qal illi hu mar fuq il-post u sab lil Dr Michael Spiteri flimkien ma' nurse Clayton, fejn bdew jippruvaw jaghtu l-ewwel ghajnuna lill-vittma Paul Consiglio, li kien joqghod fil-Fatima Ward ta' San Vincenz, izda r-ragel gie iccertifikat mejjet minn Dr Michael Spiteri. Hu tkellem ma' John Farrugia, l-imputat, li kien is-sewwieq tal-vettura GBB835, li gharaf fl-awla, li stqarr illi kien ghaddej bil-mod u qabel il-*lights* sab il-vittma ma' wiccu. Fuq il-post kellem lil Nicole Marie Ghigo, li kienet qieghda ssuq wara l-vann u rat lil xi hadd itir minn quddiem il-vann, izda ma ratx ezatt x'gara. Kien hemm ukoll Alex Mc Ewin, li kien waqaf biex jaghti l-ghajnuna, imma ma kienx ra l-incident. Ix-xhud kompla jghid illi hu nforma l-iSpettur Spiridione Zammit li nforma lill-Magistrat li hatret diversi esperti. Ix-xhud ipprezenta r-rapport li kien hejja hu, immarkat RG1[6]. Ikkonferma illi t-triq hija naqra mudlama u li l-vittma ma kienx qasam mill-*pedestrian crossing* fejn hemm ukoll lights. Jghid illi huwa probabbli ma kienx fuq il-lights, imma ma jiftakarx fejn kien ezatt. Ir-rapport dahal fis-6.15am u hu kien mar fuq il-post xi ghaxar minuti wara.

Illi xehdet Nicole Marie Galea Ghigo[7], fejn qalet illi f'Marzu ta' xi sentejn qabel f'xi 6.30am, kienet qieghda ssuq wara vann abjad fit-triq hdejn San Vincenz, u ftit aktar il-fuq mit-traffic lights, f'daqqa u l-hin hareg persuna minn fuq bus stop u l-vann laqtu. Hi waqfet u rat li kien hemm ragel anzjan ma' l-art, li ma kienx qieghed jicaqlaq. Is-sewwieq tal-vann, li gharfet fl-awla, kien jidher ippanikjat. Fil-kontro ezami tghid illi kienu nizlin l-isfel ghax it-triq fiha nizla. Ix-xhud giet muriha *fol.* 15 fejn hemm il-*pelican lights* u x-xhud ikkonfermat illi dawn ma kienux homor, fil-fatt kienu hodor u fil-fatt il-vittma qasam ftit metri l-isfel mill-*pelican lights* u hareg minn bejn il-*barriers*, fuq in-naha tax-xellug, fejn jidher il-vann wieqaf. Hi ma ratux hiereg, izda kien hemm impatt ghax qisu hareg minn imkien u habatlu mal-vann. Ix-xhud qalet illi ma kienux ghaddejjin isuqu, izda b'velocita normali u t-triq hija mudlama.

---

[6] Fol. 46 tal-atti proċesswali

[7] Fol. 52 tal-atti proċesswali

Illi xehed Charlton Caruana fejn qal illi kien ilu jahdem bhala infermier l-isptar Mater Dei ghal ghaxar snin u kien ilu 9 snin bl-ambulanza, u jaf illi fix-xitwa tal-2017 kien mar fejn il-*bus stop* faccata ta' San Vincenz f'xi 6.30am, izda ma ftakarx id-data. Kien ghadu qed jisbah u kienet ix-xita u kien hemm ragel ma' l-art li kien ghadu kemm gie mtajjar u *pick up* wieqfa. Mill-ewwel innotaw li l-persuna ma' l-art ma kinitx qieghda tiehu nifs u raw l-griehi li kellu u kien gie ddikjarat illi tilef hajtu. Mix-xena setghu jikkonfermaw illi l-persuna kienet intlaqtet mill-*pick up*, ghax kien hemm daqqiet fuq il-vann kif ukoll id-demm. Mix-xhieda li kien hemm, kien jidher li l-persuna qasmet it-triq, u ntlaqat mill-vann li kien hemm wieqaf hdejn il-persuna ma' l-art. Ix-xhud qal illi ma jiftakarx l-isem tal-persuna li ttajret, imma gabu informazzjoni li l-persuna kienet residenti San Vincenz. Huma saqsew jekk ix-xufier kellux bzonn l-ghajnuna taghhom, izda ma rrizultax li kellu griehi imma kien taht xokk. Ix-xhud qal li ma setax jaghraf is-sewwieq fl-awla.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat John Farrugia fil-kawza odjerna qed jigi akkuzat illi waqt li kien qed isuq jew fil-kontroll jew fil-pussess ta' vettura, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti involontarjament ikkaguna l-mewt ta' Paul Consiglio, kif ukoll illi fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

Illi f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati, dejjem gie ritenut illi kull sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah 'proper look out'. Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**'[8] fejn inghad illi:

*"Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **'Il-Pulizija vs Noel Gauci'** deciz fil-25 ta' Marzu 2004:*

*Gie appropositu ritenut li 'hu dover ta' driver to see what is in plain view' (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs Joseph Vella** [10.8.1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17.6.1961]). Illi fi **Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:*

[8] Deciza 26 ta' Mejju 2004, Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Onor. Imhallef Dr David Scicluna)

*'Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead -* ***it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well'*** *(enfasi tal-Qorti)"..*

Illi minn naha l-ohra, il-Qorti trid tara ukoll l-obbligu tal-pedestrian, u ghalhekk qed issir referenza ghal kawza *fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija vs. Alfred Caruana'*** [9] fejn gie stabbilit illi:

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'pozizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs. Joseph Formosa'**[10] inghad illi:

*"Il-pedestrian ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam 'with reasonable dispatch'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-pedestrian meta si tratta ta' uncontrolled crossing".*

Illi rigward ir-responsabilita' tas-sewwieq li jzomm 'a proper lookout', u negligenza kontributorja meta jigu ghal decizjonijiet fuq griehi kawzati minn incidenti tat-traffiku, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs. Guzeppi Bilocca'**[11]:

*"Illi dan hu kaz ta' investiment ta' pedestrian. Illi gie ritenut in subiecta materia illi l-pedestrian ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' reasonable care li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian kreata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva (ara Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. J. Formosa, Vol. XLIII. P.iv p.1023).*

---

[9] Deciza 14th May 1955 - Qorti ta' l-Appell Kriminali

[10] Deciza 4 t'April 1959 – Qorti ta' l-Appell Kriminali Vol. XLIII. P. iv p. 1023

[11] Deciza 12 ta' Frar 2009 – Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono)

*F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g. "meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat" (App. Kriminali: Il-Pulizija vs. J. Thornton, Vol. XLV. P.iv. p.920) jew meta "pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza"* **(App. Kriminali: Il-Pulizija vs. Cassar Desain Vol. XLVI. P.iv. p.765).."**

Illi l-Qorti qed taghmel referenza ukoll ghall-kawza '**Pulizija vs Albert Lia'**[12] fejn intqal:

*"Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. (App. Kriminali: Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri [16.3.1961]; Il-Pulizija vs. John Polidano [3.11.1963]; Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn). Dana ghaliex il-contributory negligence ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)".*

*Illi, tenut kont ta' dan kollu u b'mod specjali ta' dak li gie kwotat aktar il-fuq fis-sentenza Il-Pulizija vs. Guzeppi Bilocca, il-Qorti tinnota li dan l-incident sfortunat jista' jigi kunsidrat bhala wiehed fejn bl-azzjoni tal-parti leza holqot emergenza subitanea imprevedibbli. Di fatti, japplika dak li nghad fil-kawza Il-Pulizija vs. Cassar Desain li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq. Ma jirrizulta bl-ebda mod li l-imputat holoq l-emergenza hu.*

*Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car li l-parti leza mhux biss hadet riskju meta ddeciediet li taqsam it-triq traffikuza bil-mod li qasmitha u kif gie ndikat hawn fuq, imma hi naqset li tosserva r-regoli fondamentali dwar qsim tat-triq u dana stante li l-Qorti hija sodisfatta li l-parti leza naqset milli thares kif hija obbligata li taghmel meta giet biex taqsam it-triq, li l-Qorti tazzarda tghid minhabba x-xita li kienet niezla. Min-naha l-ohra huwa car ukoll li l-imputat kien qed isuq b'mod tajjeb, meta f'daqqa sab il-parti leza ma' wiccu u gara li gara. Di fatti, bl-imprudenza taghha l-pedestrian kreat lis-sewwieq emergenza subitanea imprevedibbli, li rrenda impossibbli jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva da parti tal-imputat (Il-Pulizija vs. J. Formosa, kwotata hawn fuq)."*

---

[12] Deciza 1 ta' Gunju 2015 – Qorti tal-Magistrati (per Onor. Magistrat Dr Neville Camilleri)

Il-Qorti rigward l-ezenzjoni tas-sewwieq minn kwalunkwe responsabbilita′ ghall-investiment ta′ persuna, taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs Jonathan Hili'**[13] fejn il-Qorti ta′ l-Appell Kriminali qalet;

*"Illi sabiex sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta′ persuna, irid ikun hemm prova cara ta′l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea′ li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f′posizzjoni li la jista′ jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista′ jipprevjenieh.*

*Din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta ghaddiet biex telenka liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta′ pedestrian meta inghad hekk:*

*"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet*

*a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xhieda jirrizulta illi dan l-incident sfortunat sehh waqt illi l-imputat kien ghaddej isuq fit-triq pjuttost mudlama waqt illi kienet niezla x-xita, kmieni filghodu. Mix-xhieda tal-imputat kif ukoll tax-xhud Nicole Marie Galea Ghigo, li kienet qieghda ssuq wara l-imputat, jirrizulta li l-vittma qabad u hareg fit-triq u b′hekk ntlaqat mil-karozza ta′ l-imputat. Illi ghalhekk ma′ jista qatt jinghad illi l-imputat ma zammx 'a proper lookout′ ghaliex l-azzjoni tal-vittma kienet wahda imprevedibbli u ma

[13] Deciza 4 ta' Mejju 2021 – Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Onor Imhallef Dr Consuelo Scerri Herrera)

kien hemm xejn illi l-imputat seta' jaghmel sabiex jigi evitat dan l-incident.

Illi jirrizulta ukoll mix-xhieda moghtija kif ukoll mill-provi migjuba, specjalment dik ta' l-espert Dr Mario Buttigieg, illi l-imputat ma kienx qed isuq la b'manjiera perikoluza u lanqas b'velocita' eccessiva, u dan gie kkonfermat ukoll mix-xhud Nicole Marie Galea Ghigo, illi kienet qed issuq ezattament wara l-imputat meta sehh l-incident odjern.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, hija konvinta illi l-incident sehh bl-imprudenza tal-pedestrian Paul Consiglio, li krea lis-sewwieq emergenza subitanea imprevedibbli, li rrenda impossibbli jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva da parti tal-imputat, u ghalhekk stante illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gewx sodisfacentement ppruvati, l-imputat ser jigi lliberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, **qed issib lill-imputat John Farrugia <u>mhux hati</u> tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom**.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**